TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 352/10

**Candace Vella Bencini**

**vs**

**Sandro Bonnet**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u sittax-il ewro (€416), rappreżentanti prezz ta' kelb li kellu jibqa' żgħir imma fil-fatt kiber.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat kelb għal prezz ta' tliet mija u ħamsa u disgħin ewro (€395), illi kellu jkun bil-pedigree u li kellu jibqa' żgħir. Dan il-kelb kiber u ma kienx bil-pedigree, u għalhekk il-prezz li bih kien inxtara l-kelb kien esaġerat.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti ma riditx tistenna u li ma taha l-ebda garanzija tal-pedigree.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li huwa minnu li l-kelb mhuwiex bil-pedigree u li għalkemm kien hemm ftehim li ma kellux jikber iżda dana kiber, u li għalhekk ma jiswiex dawk il-flus illi r-rikorrenti ħallset għalih.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra li r-rikorrenti ħallset ammont iktar milli suppost għal dak it-tip ta' kelb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888